**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 6 ta' April, 2017**

**Pulizija**

**Spettur Silvio Magro**

**Vs**

**Mario Mifsud**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Mario Mifsud iben George u Catherine nee' Gafa', imwieled fl-4 ta' April 1963, residenti 71, Triq Sant'Antnin, Hamrun, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 224163M;

Talli, nhat it-2 ta' Mejju, 2015 u wkoll zminijiet ta' qabel, gewwa l-Ajruport ta' Malta, cioe' gewwa l-ufficju ta' 21 Century KD Travel:

1) B'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera' b'haga ohra, sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sbiex iqanqal tama jew biza' dwar di grajja kimerika, ghamel qliegh b'qerq ta' aktar minn hames mitt Ewro, izda mhux aktar minn hamest elef Ewro, ghad-dannu ta' Bashir Abdi Husen;

2) U aktar talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi, approrija ruhu , bili dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta' aktar minn hames mitt Ewro, izda mhux aktar minn hamest elef Ewro, ghad-dannu ta' Bashir

> Abdi Husen, liema somma giet fdata jew ikunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga, jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghu.

Rat id-dokumenti ezebiti;

Semghet il-provi kollha migjuba;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. L-imputat jahdem ‘part time’ ma’ kumpanija KD Travel fl-ajruport ta’ Malta. Fl-10 ta’ Gunju, 2015, zewg persuni ta’ nazzjonalita’ Somala marru l-Ghassa tal-Pulizija tal-Airport u rrappurtaw li xi jiem qabel, fit-2 ta’ Mejju, 2015, kienu marru l-ajruport u minghalihom xtraw biljett wiehed tal-ajru, minn Malta ghal Ruma u ghal Mogadishu (Somalja), ghall-prezz ta’ elf u mitejn Ewro (€1,200). Meta qorob iz-zmien meta wiehed minnhom kellu jsiefer, irrisulta li ma kien hemm ebda biljett f’ismu. Il-Pulizija ghamlet l-investigazzjoni taghha, u rrisulta li l-persuna li suppost hareg il-biljett ghall-persuna mis-Somalja kien Mario Mifsud, l-imputat. Ghalhekk il-Pulizija resqet lil Mifsud b’dawn l-akkuzi.

Mill-provi prodotti jidher li dan huwa kaz tal-kelma ta’ wiehed kontra l-iehor. L-imputat jinnega li qatt ircieva flus minn ghand il-persuni Somali, izda huma identifikawh bhala l-persuna li hadilhom il-flus ghal biljett tal-ajru li qatt ma nhareg. Mill-provi ma hemmx dubju li kien l-imputat li kien qed jaqdi liz-zewg Somali. Hemm qbil li kien hu li hareg dokument u tahulhom, u kitbilhom ismu fuq karta biex icemplulu jekk ikollhom problema.Fix-xiehda taghhom, Bashir Abdi Husen u Hanad Mahmoud it-tnejn qalu li taw flus lill-imputat ghal biljett tal-ajru ghal Mogadishu, li min-naha tieghu tahom il-karti u d-dokumenti li gew esebiti fl-atti a folio 48 sa 54 tal-process (Dok BAH1 u BAH2). Fix-xiehda tieghu in difesa, l-imputat ikkonferma li ma kienx ircieva flus ghal dak id-dokument. Hu spjega li dak kien biss reservation li hu kien ghamel fuq talba tal-persuni Somali, izda ma kien ircieva ebda flus ghaliha.

Apparti x-xiehda ta' Bashir Abdi Husen u Hanad Mahmoud, il-Prosekuzzjoni tellghet ukoll zewg xhieda ohra, Mario Azzopardi u David Abela, u t-tnejn ikkonfermaw li fil-passat l-imputat kellu problem fl-agenzija tal-ivvjaggar ghax kien izomm flus tal-klijenti u ma johrogx il-biljett tal-ajru li jkun inxtara. Dawn l-ahhar zewg xiehda ma gewx kontradetti minn had, u d-difiza ma ressqet ebda prova kontrarja f'dan ir-rigward.

Mill-assjem tal-provi, il-Qorti hija propensa temmen il-verzjoni ta' fatti tal-Prosekuzzjoni minn dik tal-imputat. Hija biss il-kelma ta' zewg persuni ta' nazzjonalita' Somala kontra l-kelma ta' persuna Maltija, izda l-Qorti ma rat ebda raguni ghalfejn is-Somali ser jivvintaw storja u jwahhlu f'persuna li haditilhom il-flus ghal biljett tal-ajru. Huwa hafna aktar verosimili li l-imputat ha dawk il-flus u zammhom hu, bhal ma jidher li kien ghamel f'kazijiet ohra fl-impieg tieghu. Ghalhekk il-Qorti ser issibu hati u sejra tikkundannah ghal piena ta' prigunerija effettiva.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Illi wara li rat l-Artikoli 293, 294, 308, 309 u 310 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmi imputat Mario Mifsud hati tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu u tikkudannah sentejn prigunerija

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**